San Lawrenz

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 – It-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Renee' Formosa | Ambaxxatriċi |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2 Preżenti għal-laqgħa attendiet ukoll l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Josephine Sultana fejn sellmet lill-Kunsill u rringrazzjatu ta' l-opportunita' li taha biex isservi għal xi perijodu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv. Hija rreferiet għal din l-esperjenza bħala waħda pożittiva ħafna u m'hi ser tinsa qatt lill-poplu ġentili ta' San Lawrenz. Il-Kunsill irringrazzjaha tas-servizz tagħha u f'din l-okkażżjoni s-Sindku preżentalha ikona ta' San Lawrenz bħala ringrazzjament.

2.3 Il-kunsillier Franco Buhagiar staqsa biex niċċekjaw f'hiex waslet iż-żebra crossing tal-Pjazza.

2.4 Saret referenza għall-fatt li l-Kuntrattur tal-Open skips qed ifellaq minn dmirijietu. Qed ikun hemm diversi rapporti. Sar qbil li għandu kull darba, fuq rapport verifikat, jingħatalu warning u kemm -il darba jaqbeż in-numru stipulat, jitwaqqa' l-kuntratt.

2.5 Il-Kunsillier Franco Buhagiar irrefera għħall-item 2.13 tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel u huwa talab kopja tal-kuntratt li kien sar bejn il-Kunsill u s-sid ta' biċċa għalqa fil-bidu tal-isqaq, is-Sur Joseph Grima. Huwa semma li f'dan l-isqaq inħolqot problema kbira ta' parkeġġ, b'tali mod li l-anzjani li qed jgħixu f'dan l-isqaq ma għandhomx fejn jipparkjaw. Sar qbil li għandha ssir talba għar-reserved disable parking space f'dan l-isqaq.

2.5 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjonijiet ta' fondi li ressaqna in konnessjoni mal-Attivitajiet kulturali. Huwa semma' li l-Kunsill applika għall-erba attivitatjiet; dik tal-pagaent tal-Milied, attivita ta' swejjaq fil-Pjazza, attivita' ta' qabel il-festa u attivta oħra ta' talent lokali fil-pjazza għal matul il-jiem tas-sajf.

2.7 Is-Sindku rrefera għad-devoluzzjoni tal-biċċa art fl-iskola biex tigi trasformata f'Ċentru Ċiviku. Huwa rrefera għal-laqgħa mal-Perita Mariella Xuereb rigward il-ħtieġa ta' x'nixtiequ li ninkludu f'dan il-proġett. Il-Kunsilliera Carmen Grima uriet ix-xewqa li jekk isir dan il-proġett, il-pjan tiegħu għandu jkun mfassal minn grupp ta' periti u mhux perit wieħed minħabba li huwa proġett kbir u aktar ma jkun jinkludi ideat ikun aktar aħjar. Sar qbil ukoll li lil Perita għandna nitolbuha stima tax-xgoholijiet taghha. Sar qbil li ghandhom isiru l-pjanti u permessi necessarji biex f'kaz li l-Kunsill jiltaqa' ma' opportunita' ta' finanzjament li takkomoda dan il-progett, huwa ghandu japplika ghaliha.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Giet trattata Memo 33/2015 rigward il-gbir tal-iskart separat. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra ta' espressjoni liz-zewg kumpaniji li joffru dan is-servizz biex juru l-interess taghhom.

3.2 Giet trattata l-istedina minghand l-Iskola Primarja ghal Jum ic-Celebrazzjoni. Il-kunsilliera huma mistiedna lkoll.

3.3 Giet trattata l-Memo minghand Silvio Frendo rigward points addizzjonali ta' Wi-fi f'San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel point fil-Playing Field u ohra fil-Pjazza tad-Dwejra.

3.4 Giet trattata l-Korrispondenza bejn is-Sindku Noel Formosa u s-Sindku tal-Gharb rigward il-htiega urgenti ta' manutenzjoni lil Triq il-Qasam li tinsab ezatt bejn il-konfini taz-zewg lokalitajiet. Sar qbil li ghandha ssir laqgha bejn iz-zewg Kunsilli u naraw kif nistghu nipprocedu.

## 4.0 Żjara tal-President f'San Lawrenz

4.1 Saret referenza ghaz-zjara li l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca ser taghmel f'San Lawrenz nhar il-Hadd 20 ta' Dicembru bejn il-11:20 u l-11:45am. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizzalha laqgha mal-poplu ta' San Lawrenz fuq iz-zuntier tal-knisja. Sar qbil li ghandna ninkarigaw lil Ta' Ciangura Folk group sabiex jippreparaw xi kafe tradizzjonali. Sar qbil ukoll li ghandu jigi prezentat lilha bukkett tal-fjuri. Sar qbil li ghandna navzaw lill-pubbliku b'din l-attivita' kemm b'avviz god-djar kif ukoll fuq il-facebook page tal-Kunsill.

## 5.0 Deċiżjoni dwar is-servizz tal-elettriku fl-Information Centre Dwejra

5.1 Għal-laqgħa kien mistieden l-Inġinier Josef Micallef li ġie nkarigat biex jispezjona l-każ tal-generator li spiċċa bil-ħsara u s-servizz tal-elettriku meħtieġ għaċ-Ċentru tad-Dwejra. Huwa semma' li mill-analizi li għamel hemm tlett soluzzjonijiet; li jissewwa' l-generator preżenti, jew jinxtara ieħor iżgħar li jkun biżżejjed biex jissuplixxi d-dawl kollu meħtieġ, jew inkella b'xi ftehim mal-Knisja jinxtara l-konsum tal-panelli li hemm fuq il-Kapella ta' Sant'Anna jew billi jsiru aktar pannelli fuq il-bejt tal-istess kappella billi jinkera l-bejt. Minn naħa l-oħra l-generator preżenti, meta ntbgħat għat-tiswija għand A Falzon Ltd, dan stqarr li l-ispiża biex jissewwa hija ta' madwar 2,500.

5.2 Is-Sindku semma' li l-Kapillan tal-Parroċċa huwa nteressat f'din il-proposta iżda jinħtieġ l-approvazzjoni tal-Awtoritajiet Eklesjastici. Huwa semma' li minn indaġni li għamel l-istess Inġinier Micallef, jirriżulta li jinħtieġu madwar 21 pannella biex jissuplixxu elettriku biżżejjed għaċ-Ċentru u li l-ispiża tagħhom tintelgħa bejn €10,000 u €15,000. Mir-rapport li għamel l-Inġinier, irriżulta li l-konsum meħtieġ kuljum huwa dak ta' massimu ta' 6.6KVA kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa. Preżentament fuq il-Kapella Sant'Anna hemm biss żewġ pannelli u li huma suffiċenti biss għall-użu tal-kappella. Il-ħtieġa għaċ-Ċentru hija ta' 21 pannella u battery ta' 12 Volts.

5.3 F'dan l-istadju, l-Kunsill qabel li peress li fil-preżent ic-Centru qed jinqeda b'generator mikri, ikun ghaqli li niccekjaw kemm hu generator ta' dan l-istess daqs biex ninqdew bih temporanjament u niffrankaw il-kera. Sar qbil li għandna nigbru stimi ta' generator bir-radiator ta' 1KVA. Sadanittanti l-Kunsill qabel li għandu joħroġ offerti kemm għal xiri ta' generator 6.6KVA kif ukoll ghall-pannelli biex jara x'ikun jaqbillu. Is-Sindku semma' li sadanittant ser jibda jistharreg biex jara kif japplika ghal xi fondi biex ikunu jistghu jsiru l-panelli ghax dik tkun l-aħjar

soluzzjoni dejjiema. Huwa rrefera għal din l-option bħala l-aktar waħda ta' serħan il-moħħ u li tiffranka l-konsum kollu tal-fuel li qed jinħela preżentament.

## 6.0 Attivitajiet tal-Milied.

6.1 Il-Kunsill qabel li bhala attivitajiet tal-Milied ghandu jaghmel festin ghat-tfal u harga ghall-anzjani.

6.2 Ghall-anzjani sar qbil li tigi organizzata lilhom harga nhar l-Erbgha 23 ta' Dicembru fin-nofs ta' nhar ta' filghodu. Sar qbil li ghandhom jmorru Ghajnsielem bir-train u jzuru Bethlehem f'Ghajnsielem. Wara jilghabu ftit tombla u jieklu f'restorant f'Ghajnsielem stess. Sar qbil li ghandha tinghata tifkira tal-Milied lill-kull anzjan prezenti.

6.3 Bhala festin tat-tfal sar qbil li ghandu jsir nhar il-31 ta' Dicembru u li ghandna ninkarigaw lill-istudenti tas-Summer Fun Club biex jorganizzaw l-animazzjoni ta' dan il-festin.

## 7.0 Żviluppi fuq il-manutenzjoni tal-Playing Field

7.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha mal-Perita Mariella Xuereb rigward il-progett tal-manutenzjoni tal-Playing Field u Belvedere Colle Umberto in konnessjoni mal-Progett Dimentia Friendly village. Huwa semma' li l-Perita qed tipprepara t-tenders kollha mehtiega biex l-offerti jigu ppublikati kemm jista jkun malajr. Huwa rrefera wkoll ghall-Press Conference li ser torganizza l-Onor Segregtarju Parlamentari Justyne Caruana fejn ser tħabbar dan il-proġett. Huwa propona li ghandhom jinxtraw xi ponsietti u jitqassmu lill-pubbliku preżenti għal din il-Press Conference.

## 8.1 Materji oħra

8.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar irrefera għal-ganċijiet tal-iskart li hemm fi Triq it-Torri u għal fatt li kull darba qed tinħoloq miżbla madwarhom. Sar qbil li għandna nibgħatu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex ineħħuhom immedjatament. Sar qbil li għandna nassiguraw li kull blokka t'appartamenti jkollha r-regolamenti tal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart printjati.

8.2 Sar qbil ukoll li għandu jsir avviż fuq il-Facebook page tal-Kunsill li l-Bring-in-Sites ta' Triq il-Ġebla tal-Ġeneral tneħħew permanentament. L-użu ta' bring-in-sites għandu jsir biss f'dawk ta' Triq Nicholas Monsarrat.

8.3 Is-Sindku lmenta għal fatt li l-ġbir tal-ħġieġ tal-ewwel Ħamis tax-xahar mhux qed jinġabar minn Triq it-Torri. Sar qbil li għandna nwasslu dan l-ilment.

8.4 Tressaq l-ilment li qed isiru diversi abbużi ta' rimi ta' skart f'postijiet projbiti minn sidien tar-restoranti. Sar qbil li jekk il-kunsill ikollu l-provi u l-evidenzi, għandha tinkiteb ittra lill-MTA li dak ir-restorant partikolari mhux jobdi r-regoli, dak li jkollu l-bins tiegħu.

8.5 Is-Sindku rrefera għall-esperjenza li l-komunita' ta' San Lawrenz kellha f'Colle Umberto għaċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Għaxar Anniversarju tal-Ġemellaġġ. Huwa rrefera għal din l-esperjenza bħala waħda pożittiva ħafna u li tkompli tgħaqqad liż-żewġ lokalitajiet.

8.6 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet li qed isiru fiċ-Ċentru tad-Dwejra. Huwa semma li d-diviżżjoni tat-toilet saret bil-gebel. Il-madum jinsab ordnat u d-drenaġġ mgħoddi wkoll. Is-servizz tal-ilma ser isiru ukoll u Joe Caruana ser iwaħħal il-Madum. Saviour Gauci ser jagħmel xi xkafef filwaqt li Joe Saliba ġie nkarigat biex jagħmel bieb extendable għal dan it-toilet. Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mas-sid tar-restorant Godwin Cassar u għal qbil li sar bejniethom rigward il-minuti tal-laqgħa li kellhom flimkien, dak li l-manutenzjoni u t-tbattil tal-fossa ser ikunu ta' nkarigu għalih u li l-Kunsill mhux ser ikollu aktar x'jaqsam magħhom. Sar qbil ukoll li għandna nikkuntatjaw lill-kumpanija Solar Engineering sabiex jiġu jwaħħlu l-kumprassur tal-aircondition tal-istess Ċentru. Sar qbil ukoll li dan il-kumprassur għandna niksuh b'xi materjal protettiv. Is-Sindku semma' wkoll li lis-Sid ressaqlu s-suġġeriment li jsir xi tip ta' embellishment mal-faċċata taċ-Ċentru biex jattira aktar nies. Is-Sid ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

8.7 Is-Sindku Noel Formosa irrefera għal ħtieġa ta' tibdil ta' tabelli u wkoll tabelli ġodda fid-Dwejra kif ukoll tabelli li jindikaw id-direzzjoni lejn id-Dwejra Interpretation Centre.

8.8 Is-Sindku rrefera wkoll għat-tiżjin tal-Milied u li minn stima li ġabar il-kera tiegħu ser tiswa €500. Il-kunsilliera Carmen Grima ssuġġerriet li għas-snin li gejjin il-Kunsill ħhandu jaħseb sabiex jagħmel it-tiżjin tiegħu hu biex jiffranka dawn l-ispejjeż u jkollu prodott aħjar.

8.9 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa urġenti ta' barriers quddiem il-bieb taċ-Ċentru Parrokjali fil-Pjazza. Huwa espona disinn ta' bollards li jkunu jixirqu mal-post. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbor stimi ta' tlett barriers tal-stainless steel. Il-Kunsillier

Franco Buhagiar issuġġerixxa li jkunu jinqalgħu f'każ li fil-jiem tal-festa jkun jinħtieġ li jitneħħew.

8.10 Il-kunsillier Joseph Cauchi talab sabiex issir follow-up ta' talbiet li saru ta' bankini ġodda f'San Lawrenz dan l-aħħar fosthom ta' Joseph Cauchi fi Triq id-Duluri u ta' Edward Grima fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Sar qbil li għandha titressaq talba lill-Assistent Direttur Lorry Apap.

8.11 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu ma' Lorraine Mifsud rigward il-bozoz tal-pjazza peress li qegħdin fuq l-arja tagħhom. Hija xtaqet li jkollha bil-miktub li jekk ikun jinħtieġ li jitneħħew jista jsir dan. Sar qbil li għandha tiġi formulata skrittura dwar dan il-ftehim.

8.12 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kelllu ma' rigward ilMonika minn Checkmate the TV Show rigward il-logħob taċ-Chess. Sar qbil li fi Frar għandha tiġi organizzata Chess Day Tournament fejn isiru diversi logħob relatati maċ-Chess u jitqassmu xi trophies lir-rebbieħa.

8.13 Is-Sindku rrefera għall-fatt li f'Jannar 2016 jaħbat il-mitt sena anniversarju tal-emigranti ta' New Calidonia. Huwa semma' li jkun xieraq li dawn jiġu mfakkra. Huwa propona li għandha ssir wirja ta' ritratti. Huwa semma' li l-Malta Philantrophic Society wkoll ser tiċċelebra dan l-anniversarju u ser jiġu mistiedna jagħmlu l-laqgħa ġenerali annwali tagħhom f'San Lawrenz .

8.14 Il-Kunsilliera Carmen Grima rreferiet għall-organizazzjoni ta' kors fil-lingwa taljana. Hija ssuġġerriet li jiġi kkuntatjat il-Kap tal-Iskola Sir M'Angelo Refalo biex jiggwidana kif nistgħu norganizzaw dan.

## 9.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti.

9.1 Is-Segretarja preżentat lista tal-pagamenti u dawn ġew approvati. Hija semmiet ukoll li sa' l-aħħar ta' Diċembru jinħtieġ li jinħarġu l-pagi tal-Aħenti Segretarji, tas-Sindku u kunsilliera, tal-iskrivana u wkoll l-arretrati dovuti lill-iskrivana.

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2016 fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

**Noel Formosa** **Lucienne Haber**

Franco Buhagiar issuġġerixxa li jkunu jinqalgħu f'każ li fil-jiem tal-festa jkun jinħtieġ li jitneħħew.

8.10 Il-kunsillier Joseph Cauchi talab sabiex issir follow-up ta' talbiet li saru ta' bankini ġodda f'San Lawrenz dan l-aħħar fosthom ta' Joseph Cauchi fi Triq id-Duluri u ta' Edward Grima fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Sar qbil li għandha titressaq talba lill-Assistent Direttur Lorry Apap.

8.11 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu ma' Lorraine Mifsud rigward il-bozoz tal-pjazza peress li qegħdin fuq l-arja tagħhom. Hija xtaqet li jkollha bil-miktub li jekk ikun jinħtieġ li jitneħħew jista jsir dan. Sar qbil li għandha tiġi formulata skrittura dwar dan il-ftehim.

8.12 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kelllu ma' rigward ilMonika minn Checkmate the TV Show rigward il-logħob taċ-Chess. Sar qbil li fi Frar għandha tiġi organizzata Chess Day Tournament fejn isiru diversi logħob relatati maċ-Chess u jitqassmu xi trophies lir-rebbieħa.

8.13 Is-Sindku rrefera għall-fatt li f'Jannar 2016 jaħbat il-mitt sena anniversarju tal-emigranti ta' New Calidonia. Huwa semma' li jkun xieraq li dawn jiġu mfakkra. Huwa propona li għandha ssir wirja ta' ritratti. Huwa semma' li l-Malta Philantrophic Society wkoll ser tiċċelebra dan l-anniversarju u ser jiġu mistiedna jagħmlu l-laqgħa ġenerali annwali tagħhom f'San Lawrenz .

8.14 Il-Kunsilliera Carmen Grima rreferiet għall-organizazzjoni ta' kors fil-lingwa taljana. Hija ssuġġerriet li jiġi kkuntatjat il-Kap tal-Iskola Sir M'Angelo Refalo biex jiggwidana kif nistgħu norganizzaw dan.

## 9.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti.

9.1 Is-Segretarja preżentat lista tal-pagamenti u dawn ġew approvati. Hija semmiet ukoll li sa' l-aħħar ta' Diċembru jinħtieġ li jinħarġu l-pagi tal-Aħenti Segretarji, tas-Sindku u kunsilliera, tal-iskrivana u wkoll l-arretrati dovuti lill-iskrivana.

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2016 fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**